# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 3.12

**Kap 3: IL-qalb tajba**

**Lezzjoni 3.12: Meta l-ħabib ikun ma jiflaħx**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jifhmu li Ġesù kien iħenn għal kulħadd.
2. Jifhmu li m'għandhomx ipoġġu lilhom infushom fil-periklu iżda għandhom jagħmlu dik ix-xi ħaġa żgħira li biha xorta jgħinu lil ħaddieħor.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Youtube video 'Jesus heals leper'
- Karta ta' taħriġ 3.8



**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Staqsi lit-tfal x'jagħmlu huma li kieku jindunaw li l-ħabiba tagħhom għandha l-ġidri r-riħ (*chicken pox*)?
- Spjega li għalkemm tkun il-ħabiba tagħna xorta rridu noqogħdu 'l bogħod minnha għax inkella nimirdu aħna wkoll.
- Staqsi  x'nagħmlu kieku l-għalliema tgħidilna li tifla mill-klassi kisret sieqha. Nistgħu immorru narawha, noħdulha l-H.W. eċċ. - għax billi kisret sieqha lilna mhiex se tagħtina mard!



**Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)**

1. Spjega kif fi żmien Ġesù n-nies kienu jibżgħu mill-mard aktar minna għax ma kiex hemm mediċina biex jitfejjaq.  Għalhekk, meta kien jimrad xi ħadd kien ikollu jitlaq mid-dar u jmur jgħix waħdu, 'il bogħod min-nies.
2. Uri l-film ta' meta Ġesù ltaqa' ma' wieħed marid u se jaraw x'għamel Ġesù.  Spjega li hu u għaddej, l-Appostli ma ridux li Ġesù jersaq lejh iżda Ġesù xorta mar ikellmu.  Ġesù fejqu mill-mard u qallu x'għandu jagħmel biex juri li hu kien fieq.

   Iżda qallu biex ma joqogħdx jiftaħar u jgħid min fejqu .
3. Uri lit-tfal li huma ma jistgħux jagħmlu bħal Ġesù u staqsihom 'Għaliex?' It-tfal iridu jindunaw li Ġesù kellu qawwa kbira għaliex kien it-tifel ta' Alla. Huma ma jistgħux jagħmlu bħal Ġesù! X'jistgħu jagħmlu huma meta jkun hemm xi ħadd marid?



4. Spjega li huma jistgħu jitolbu għalih. Iġibulu l-H.W., iċemplulu u joqogħdu jitkellmu ftit miegħu etċ.
5. Staqsi: X'm'għandniex nagħmlu meta jkun hemm xi ħadd marid? Jekk il-mard ma jkunx jittieħed m'għandniex nibżgħu minnu u jekk ikollu xi ħaġa fuq il-ġilda tiegħu ma rridux noqogħdu nħarsu lejh u ngħidu kontra tiegħu.
6. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 3.8.
7. Aħdem Attività 1 u iddiskuti l-istampi u kif jiġu wara xulxin.
8. Stieden lit-tfal ipinġu l-istampi jew dak il-ħin jew jingħataw għad-dar.
9. Spjega Attività 2 u għen lit-tfal ipinġu l-wiċċ addattat.
10. Iddiskuti Attività ta' Sam u Tara u ikkonkludi kemm hu importanti li nieħdu ħsieb sħabna b'mod jew ieħor meta jkunu morda.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Aħna rridu ngħinu lill-morda iżda mhux inpoġġu lilna nfusna fil-periklu.
2. Jekk ma nistgħux ngħinuhom nitolbu għalihom.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

1. It-tfal juru li jħobbu anke jekk ikun hemm xi ħadd differenti jew marid.
2. It-tfal jgħinu anke billi jitolbu.



**Nitolbu**

Mulej Ġesù,

għinna nifhmu x'ikun irid minna min hu marid.

